MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1191/1995/1

**L-Avukat Dottor Stephen Attard bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-assenti Francesco Cavina u Maria Dainese**

**Vs**

**Av. Dr. Joselle Farrugia u Prok. Legali Davina Cachia nominati b’ digriet ta’ l-4 ta’ Settembru 1995 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Alfonso Cortese, Lidia Bielli, Guido Cortese, Sergio Cortese u Silvia Cortese**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fit-28 ta’ Awissu 1995 li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi bi skrittura ffirmata fil-11 ta’ Gunju, 1994 (annessa in kopja ma’ l-att tac-Citazzjoni u markata Dokument “A”) il-konvenuti *nomine inter alia* obbligaw ruhhom illi mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe kaz sat-28 ta’ Lulju 1994, li jestingwu d-dejn ta’ Studio Cavina S.r.l. versu l-Banca Popolare di Novara International fl-ammont ta’ elf u mitt miljun liri Taljani (Lit. 1,100,000,000) jew fi kwalunkwe kaz jissostitwixxu l-garanziji moghtija mill-attur *nomine* relattivi ghall-istess fuq imsemmi ammont;

U premess illi l-konvenuti *nomine* naqsu li jadempixxu ‘l fuq imsemmi obbligu biex b’ hekk meta skadew l-istess garanziji l-attur *nomine* kellu jhallas ‘il fuq immsemmija somma ta’ Lit. 1,100,000,000;

U premess illi l-istess konvenuti *nomine* naqsu li jhallsu u jirrestitwixxu ‘l fuq imsemmija somma ta’ Lit. 1,100,000,000 ghalkemm interpellati u ghalkemm, fuq talba ta’ l-attur *nomine* inhareg mandat ta’ sekwestru kawtelatorju (numru 3550/95) fl-14 ta’ Awissu, 1995;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li huma *in solidum* jew mod iehor jew min minnhom ghandhom ihallsu u jirrestitwixxu lill-attur *nomine* s-somma ta’ elf u mitt miljun liri Taljani (Lit. 1,100,000,000) u;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti *nomine in solidum* jew mod iehor jew min minnhom ihallsu lill-attur s-somma ekwivalenti fi flus Maltin ghal elf u mitt miljun liri Taljani (Lit. 1,100,000,000);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-28 ta’ Lulju 1994 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta’ Dr. Joselle Farrugia u l-P.L. Davina Cachia nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenuti assenti, ipprezentata fit-30 ta’ Ottubru 1995 u li fiha eccepew:-

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrezervaw li jipproducu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat l-Affidavits u d-dokumenti esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Mill-attijiet tal-kawza jirrizulta li l-meritu gie ezawrit bil-fatt tal-hlas tas-sorte reklamat. Jifdal biss zewg kwestjonijiet, ossija l-kap ta' l-ispejjez gudizzjarji u l-pretensjoni ghall-interessi fuq is-sorte. Ara deposizzjoni ta' l-Avukat Dottor Renato Cefai a fol. 58. Dan ifisser li l-Qorti jehtiegilha xorta wahda tezamina l-fatt kostitutiv tad-dritt pretiz mill-attur *nomine* u r-rizultanzi istruttorji;

Jirrizulta mill-kuntratt tal-11 ta' Gunju 1994 (fol. 5) dwar bejgh ta' azzjonijiet li l-atturi kellhom fis-socjeta` Ardley Limited illi l-konvenuti akkwirenti obbligaw ruhhom *inter*

*alia* li mhux aktar tard mit-28 ta' Lulju 1994 jissaldaw u jestingwu d-debitu ta' Studio Cavina versu l-Banco Popolare di Novara International fl-ammont prefiss fi klawsola 9 (f) ta' l-imsemmi kuntratt. L-akkwirenti, citati bhala konvenuti fil-kawza, ma onorawx dan l-impenn taghhom u l-vendituri ta' l-ishma pprocedew bl-istanza odjerna fit-28 ta' Awissu 1995;

Jirrizulta mill-Affidavit ta' l-Avukat Dottor Stefan Frendo (fol. 68) illi fl-24 ta' Ottubru 1995 il-konvenuti ddepozitaw s-somma domandata f' akkont ghaf-favur ta' l-attur Francesco Cavina. Gara pero` illi in vista ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug mill-konvenuti dak id-depozitu ma setax jigi zbankat. Eventwalment ittiehdu proceduri ghall-impunjattiva ta’ l-imsemmi mandat li kellhom rizultat favorevoli u d-depozitu gie rtirat fis-17 ta' Jannar 1996;

Premess dan, mill-atti ma jirrizultax illi l-konvenuti kkontraponew difiza oppozitorja ghar-reklam ta' l-attur *nomine* ghall-hlas tas-somma mitluba. Issa huwa vera li huma kienu assenti imma, kif saput, in-notifika maghmula lill-kuraturi debitament mahtura biex jirrapprezentawhom, tekwivali ghal notifika lill-assenti nfushom ("**Micallef -vs- Dr. Delia *nomine***", Appell Civili, 11 ta' Marzu 1962, inedita);

Precizat dan, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi mill-inkartament tal-kawza ma jidherx illi l-kuraturi mahtura *ex officio* nformaw lill-konvenuti assenti bil-kawza jew ghamlu xi haga biex jikkomunikaw maghhom. Jista' jkun illi minn kif zvolgew l-affarijiet dan ma gab ebda pregudizzju reali lill-assenti. Ciononostante, dan ma jistax iservi ta' gustifikazzjoni jew skuza tan-nuqqas tal-kuraturi li almenu jipprovaw jikkuntattjaw lill-assenti u almenu jaghmlu ruhhom prezenti waqt l-andament tal-kawza. Dan kif impost bi dmir fuqhom fit-termini ta' l-Artikolu 936 (1) tal-Kapitolu 12. Nuqqas jew traskuragni ta' dan id-dmir iggib

fuqhom is-sanzjoni prevvist mis-subinciz (2) tal-precitat dispost tal-Kodici ritwali;

Gja gie senjalat drabi ohra f' dan ir-rigward illi "xejn mhu injot fl-esperjenza tal-Qrati il-kaz li kuraturi jibdew f' kawza bid-dikjarazzjoni li m' humiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jaghtu l-eccezzjonijiet proprji aktar 'il quddiem u l-kawza tispicca bla ebda pass iehor da parti taghhom. Huwa veru, illi skond l-imsemmi artikolu (936) kuraturi li jonqsu mid-dmirijiet taghhom ikunu passibbli tad-danni talvolta derivati minn dak in-nuqqas, izda apparti minn kwestjonijiet ohra, mhux impossibbli li timmagina kazi li fihom minn negligenza simili tista' tidderiva hsara li l-hlas tad-danni, anke jekk ottenut, ma jistax jirrimedja jew ma jistax jirrimedja kompletament." ["**Leone Misrabi -vs- Giuseppe Cassar et**", Appell Inferjuri, 12 ta' Lulju 1965 per l-Onor. Prof. Sir Anthony Mamo (inedita)];

Maghdud dan li jibqa' dejjem fir-rapport intern bejn il-kuraturi u l-assenti, mill-kumplament jidher evidenti illi in bazi ghall-kuntratt tal-11 ta' Gunju 1994 l-obbligu assunt mill-konvenuti assenti kellu jigi rispettat bl-adempiment tal-hlas debitu. Dan mhux biss ghaliex kuntratt validament maghmul ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li ghamluh (Artikolu 992, Kodici Civili) imma wkoll ghaliex kien mistenni li l-ezekuzzjoni tieghu ssir skond il-bwona fede (Artikolu 993, Kodici Civili) bhala li din tikkostitwixxi oggett ta' dover guridiku veru u proprju;

Minn dan jitnissel illi l-inadempiment ta' l-obbligazzjoni tal-hlas tiggenera dik ir-responsabilita` kontrattwali li, meta tigi verifikata, kif inhu l-kaz hawnhekk, tissarraf f' konsegwenza gudizzjali ghall-partijiet inadempjenti. Jikkonsegwi minn dan illi l-konvenuti huma tenuti jaghmlu tajjeb ghall-imghax fuq is-somma pretiza mit-28 ta' Lulju 1994 (data li fiha kellha tigi adempita l-obbligazzjoni) sas-17 ta' Jannar 1996 (data tal-pagament effettiv), kif ukoll ghall-ispejjez gudizzjarji tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu stante l-hlas tas-somma reklamata fil-mori tal-gudizzju, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghax kif mitlub, jigifieri mit-28 ta' Lulju 1994 sas-17 ta' Jannar 1996, kif hawn fuq imfisser, u l-ispejjez gudizzjarji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------